QALA

Ref Nru: 26

Il-minuti tas-sitta u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 14 ta' Awwissu 2014, fil-5:00 ta' wara nofsinhar, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-hamsa u ghoxrin laqgha.

2.1 Peress li l-minuti tal-hamsa ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Il-Vici Sindku semma li jixtieq li ghandha tizdied sentenza fejn is-Sindku kien qal li l-ispejjes li ser johrog il-Kunsill ghal progett ta' Pjazza San Guzepp hija ta' €25,000. Is-Sindku semma li din kienet stima ta' kif kien qed jahseb hu u li kienet stima ta' dak il-hin li giet ikkalkulata minn fuq il-*mobile* u li stima biex tkun ezatta trid tigi ppreparatha minn Perit. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ma paragrafu 3.1 tal-minuti tal-hamsa u ghoxrin laqgha ghandha tizdied din is-sentenza:

2.2 Is-Sindku semma li stima tal-ispejjes li ser johrog il-Kunsill ghal progett ta' Pjazza San Guzepp, bejn wiehed u iehor li huwa ikkalkula dak il-hin permezz tal-*mobile*, hija ta' madwar €25,000.

2.3 Wara dan il-minuti gew approvati unanimament.

## 3. EAFRD mizura 313.

3.1 Is-Sindku semma li ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden Dr Ray Debono Roberts, il-persuna li qed tiehu hsieb it-tqassim tal-muzew folkloristiku. Huwa ta spejgazzjoni fit-tul dwar kif dan il-muzew jista` jigi mqassam u li ghandux jibqa biss fuq level tal-folk, bhal per ezempju jistghu jigu esibiti ritratti antiki wkoll. Huwa semma wkoll li kieku sew jinbidel l-isem ukoll sabiex jirrefletti dan. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa jaqbel li ghandhom jigu esibiti affarijiet ohra izda ma qabilx li ghandu jinbidel l-isem. Huwa semma li l-iskop tal-applikazzjoni li kien issottomessa l-Kunsill sabiex jinghata l-fondi ghal dan il-progett ta' muzew folkloristiku, kien il-folklore u li ghalhekk jahseb li ahjar dan il-muzew jibqa` fuq din it-tema. Il-Kunsill qabel ma dan. Gie deciz wkoll li l-inawgurazzjoni ghandha jsir qrib il-Milied kif kien issuggerixxa Dr Debono Roberts. Is-Sindku semma li l-dokumentarju fuq il-lokalita` tal-Qala li ser jintwera f'dan il-muzew folkloritiku huwa lest u li ghad baqa` xi jsir fuq il-*brochure.*

3.2 Is-Sindku semma li ghad baqa xi ftit xoghol iehor xi jsir fi Pjazza San Guzepp. Huwa semma li l-Perit Edward Scerri ssuggerixxa li l-*porfido* ghandu jinghata s-*sealer* peress li kien qed itella` t-trab abjad u ghalhekk inghata s-*sealer* fejn giet solvuta l-problema. Il-Vici Sindku staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-eghluq ta' Pjazza San Guzepp. Is-Sindku semma li huwa ghandu ordni mill-Kurja sabiex il-Pjazza tibqa` temporanjament maghluqa. Is-Sindku semma li hemm il-possiblita` li s-sidien tar-ristoranti jarmaw l-imwejjed fil-pjazza. Il-Vici Sindku semma li ma jaqbilx ma dan. Is-Sindku semma li peress li l-Pjazza hija l-proprjeta` tal-Knisja, l-armar tal-imwejjed fil-pjazza hija responsabbli ghalih il-Kurja. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.3 Is-Sindku semma li x-xoghol li ghad baqa li jsir fil-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr huwa li jigu installati l-*camera's* u xi affarijiet ohra.

## 4 EAFRD – mizura 323.

4.1 Is-Sindku semma li ghada baqa` xi ftit xoghol xi jsir fil-gnien tar-rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr.

## 5 Festa ta' San Guzepp 2014.

5.1 Is-Sindku semma li kollox mar sew fil-festa ta' San Guzepp 2014.

## 6 Ghazla tal-offerti ghal provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar u kiri tal-ingenji.

6.1 Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghal provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar u kiri tal-ingenji. Is-Sindku ppropona li ghandu jigi format kumitat ghall-ghazla ta' dawn l-offerti. Il-Kunsill iddiskuta li ssoltu qatt ma kien isir

dan il-kumitat ghall-ghazla ta' dawn l-offerti u ghalhekk gie deciz li ghandhom jinghataw lil Perit Edward Scerri sabiex janalizza u jara liema huma l-ahjar offerti li ghandhom jigu maghzula.

**7 *Qala International Folk Festival 2014.***

7.1 Is-Sindku semma li l-*Qala International Folk Festival 2014* ser isir fid-19, l-20 u l-21 ta' Settembru 2014. Huwa semma li l-Aurora Rabat ser igibu xi grupp folkloristiku mill-Polonja u li f'dawn it-tlett t'ijiem jistghu jigu jiehdu sehem fil-*festival* tal-Qala. Huwa semma wkoll li gie mistieden grupp folkloristiku minn Sqallija, li huwa wiehed mill-gruppi li ppartecipa fil-*festival* tas-sena l-ohra. Il-Kunsill iddiskuta wkoll li din is-sena s-Sibt filghaxija ghandu jingab George Curmi (Il-Pose`).

**8 Materji ohra.**

8.1 Il-Vici Sindku staqsa dwar minn ghazla r-rotta minn fejn ser jigi mghoddi l-*pipeline* tal-ilma. Is-Sindku semma li r-rotta giet deciza mill-Korporazzjoni ghal-Servizzi tal-Ilma. Il-Vici Sindku qal li mhux veru u allega li s-Sindku dawwar ir-rotta ta' minn fejn ghandu jghaddi l-*pipeline* sabiex m'jghaddiex bid-dritt minn Triq il-Kuncizzjoni. Is-Sindku talab lil Vici Sindku sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu u jirtira kompletament. Il-Vici Sindku ma ssostanzjahx l-allegazzjonijiet u s-Sindku cahad dawn l-istess allegazzjonjiet. Fl-ahhar gie deciz li ghandha jsir laqgha mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Il-Vici Sindku talab sabiex jigi skuzat mill-bqija tal-laqgha ghax ried jaqbad il-karozza tal-linja tal-4:00pm u ghalhekk telaq fil-3:50pm.

8.2 Giet diskussa l-latrina pubblika l-gdida li giet miftuha fi Triq it-28 t'April 1688. Gie diskuss illi ma sar xejn dwar il-bankina/rampa ta' din il-latrina. Is-Sindku semma li minkejja li nbghatu diversi ittri lid-Dipartimenti koncernati, hadd ma ried jerfa responsabbilita`. Fl-ahhar il-Kunsill iddecida li ghandha tinbghat ittra b'avukat lid-Dipartiment tal-Artijiet, lid-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp u lit-Transport Malta fejn jigu nformati li jekk jigri xi incident, il-Kunsill m'huwiex responsabbli.

8.3 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li fil-*media* qed jinghad li ser isir xi tip ta' *bridge* bejn Malta u Ghawdex. Huwa semma li m'ghandu xejn kontra dan imma jekk dan isir mill-lokalita` tal-Qala, l-Kunsill ghandu jara ftit fuqha u li ghandha tintbghat ittra lil Ministeru koncernat biex jekk ikun ser isir xi haga, isiru laqghat mal-Kunsill u li l-Kunsill ikun involut fid-diskussjonijiet li jsiru. Il-Kunsill qabel ma dan.

8.4 Is-Sindku semma li ghandha tinhareg sejha ghall-offerta ghal kiri tal-*clubhouse* li hemm fi Gnien il-Familja, dan peress li l-kuntratt li ghandu l-Kunsill fil-prezent ghal kiri ta' dan l-istess *clubhouse* huwa mal-Qala St Joseph Football Club izda dawn bidlu l-isem ghal Qala Saints. Il-Kunsill qabel ma dan.

8.5 Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lil Sharlo Camilleri *Head* tal-*Paying Agency* fejn il-Kunsill talab estenzjoni fuq id-data ta' meta ghandhom jkunu lesti l-progetti tal-mizuri 313 u 323.

8.6 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-20 ta' Gunju 2014 sal-14 ta' Awwissu 2014 minn referenza numru 76/14 sa referenza numru 135/14 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 41/14 sa referenza numru 50/14 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

8.7 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 9/2014 u SP 10/2014. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

**9 Korrispondenza.**

9.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

9.2 Ittra mibghuta minn Andy u Pauline Bailey minn Wow Gozo dwar proposta sabiex isiru xi attivitajiet bil-blalen tal-plastik fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill iddecida li ghal din is-sena m'ghandu jsir xejn imbaghad jara ghas-sajf tas-sena d-diehla.

9.3 Proposta mibghuta minn Joseph Grech mill-GO dwar tas-servizz tat-telefon. Gie diskuss li l-Kunsill kien ircieva xi proposta minghand l-Ozone. Il-Kunsill iddecida li jaghzel il-proposta tal-GO.

Il-laqgha ntemmet fis-7:45 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2014.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |